

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2022/580

tat-8 ta' April 2022

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ⁽²⁾ dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna jagħti effett lil miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2014/145/PESK.
- (2) Fit-8 ta' April 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/582 ⁽³⁾ li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK, li introduċiet opzjonijiet ulterjuri ta' deroga mill-iffriżar ta' assi u mill-projbizzjoni li fondi u riżorsi ekonomiċi jkunu disponibbli għal persuni u għal entitajiet iddeżinjati.
- (3) Dawk l-emendi jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u sabiex jiġu implimentati hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 269/2014 jiġi emendat skont dan.
- (5) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, jenħtieġ li jidħol fis-seħħ immedjatament mal-pubblikazzjoni tiegħu,

⁽¹⁾ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.

⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ĠU L 078 17.3.2014, p. 6).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/582 tat-8 ta' April 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna (ara l-paġna 55 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 269/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 4, paragrafu 1, jiżdied il-punt li ġej:

“(e) li għandhom jitħallsu f’kont jew minn kont li jappartjeni lil jew miżmum minn missjoni diplomatika jew uffiċċju konsulari jew organizzazzjoni internazzjonali li jgawdu immunitajiet f’konformità mad-dritt internazzjonali, sa fejn tali pagamenti jkunu maħsuba biex jintużaw għal skopijiet uffiċjali tal-missjoni diplomatika, tal-uffiċċju konsulari jew tal-organizzazzjoni internazzjonali.”;

(2) l-Artikolu 6b huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 6b

1. B’deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu għall-entitajiet elenkati fin-numri ta’ entrata 53, 54 u 55 fl-intestatura “B. Entitajiet” fl-Anness I, jew it-tqegħid ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta’ dawk l-entitajiet, bil-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sal-24 ta’ Awwissu 2022, ta’ operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, inklużi relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma’ dawk l-entitajiet qabel it-23 ta’ Frar 2022.

2. B’deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu għall-entitajiet elenkati fin-numri ta’ entrata 79, 80, 81 u 82 fl-Anness I, jew it-tqegħid ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi għad-dispożizzjoni ta’ dawk l-entitajiet, bil-kondizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sad-9 ta’ Ottubru 2022, ta’ operazzjonijiet, kuntratti, jew ftehimiet oħra, inklużi relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma’ dawk l-entitajiet qabel it-8 ta’ April 2022.

3. B’deroga mill-Artikolu 2, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru jistgħu, bil-kondizzjonijiet li jidhrilhom xierqa, jawtorizzaw ir-rilaxx ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta’ ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I, wara li jkunu ddeterminaw li:

- (a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi jkunu meħtieġa għall-bejgħ u t-trasferiment sad-9 ta’ Ottubru 2022 tad-drittijiet proprjetarji f’persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti fl-Unjoni fejn dawk id-drittijiet proprjetarji jkunu direttament jew indirettament proprjetà ta’ persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness I; u,
- (b) ir-rikavati minn tali bejgħ u trasferiment jibqgħu ffriżati.”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f’Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta’ April 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
J.-Y. LE DRIAN